

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-10 ta' Frar 2012

li temenda d-Deċiżjoni 2007/453/KE fir-rigward tal-istatus tal-BSE tad-Danimarka u l-Panama

(notifikata bid-dokument numru C(2012) 678)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2012/111/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tielet sottoparagrafu tal-Artikolu 5(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 jstabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (TSEs) fl-annimali. Għal dan l-għan, l-istatus tal-enċefalopatija sponġiformi bovina (BSE) ta' Stat Membru jew ta' pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom ("pajjiżi jew reġjuni") għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 5(1) u l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 permezz ta' klassifikazzjoni f'waħda minn tliet kategoriji skont ir-riskju tal-BSE involut, jiġifieri riskju ta' BSE negliġibbli, riskju ta' BSE kkontrollat u riskju ta' BSE mhux determinat.
- (2) L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE tad-29 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi l-istatus tal-BSE ta' Stati Membri jew pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom skont ir-riskju tal-BSE <sup>(2)</sup> jelenka l-pajjiżi jew ir-reġjuni skont l-istatus ta' riskju ta' BSE tagħhom.
- (3) L-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) għandha rwol ewlieni fil-kategorizzazzjoni tal-pajjiżi jew reġjuni skont ir-riskju tal-BSE tagħhom u tuża l-kriterji ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001. Il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE tikkunsidra r-Riżoluzzjoni Nru 18 - Ir-Rikonoxximent tal-Istatus tal-Enċefalopatija Sponġiformi

Bovina tal-Membri - adottata mill-OIE f'Mejju 2010 fir-rigward tal-istatus tal-BSE tal-Istati Membri u l-pajjiżi terzi <sup>(3)</sup>.

- (4) F'Mejju 2011, l-OIE adottat ir-Riżoluzzjoni Nru 17 - Ir-Rikonoxximent tal-Istatus ta' Riskju tal-Enċefalopatija Sponġiformi Bovina tal-Membri. Dik ir-Riżoluzzjoni rrikonoxxiet li d-Danimarka u l-Panama għandhom riskju negliġibbli ta' BSE. Il-lista fl-Anness tad-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha għaldaqstant tiġi emendata biex issir konformi ma' dik ir-Riżoluzzjoni fir-rigward ta' dawn il-pajjiżi terzi <sup>(4)</sup>.
- (5) Id-Deċiżjoni 2007/453/KE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.
- (6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## Artikolu 1

L-Anness għad-Deċiżjoni 2007/453/KE jinbidel bit-test fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

## Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2012.

Għall-Kummissjoni

John DALLI

Membru tal-Kummissjoni

<sup>(1)</sup> ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 172, 30.6.2007, p. 84.

<sup>(3)</sup> Ara p. 40 u 158 tar-Rapport tas-Sessjoni Ġenerali 23 – 28 ta' Mejju 2010 fi [http://www.oie.int/eng/session2011/A\\_FR\\_2010PUB.pdf](http://www.oie.int/eng/session2011/A_FR_2010PUB.pdf)

<sup>(4)</sup> Ara p. 49 u 149 tar-Rapport tas-Sessjoni Ġenerali 22 – 27 ta' Mejju 2011 fi [http://www.oie.int/fileadmin/Home/eng/About\\_us/docs/pdf/A\\_FR\\_2011\\_PUB.pdf](http://www.oie.int/fileadmin/Home/eng/About_us/docs/pdf/A_FR_2011_PUB.pdf)

ANNEX

"ANNEX

**LISTA TA' PAJJIŻI JEW REĠJUNI****A. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju negliġibbli ta' BSE***Stati Membri*

- Id-Danimarka
- Il-Finlandja
- L-Isvezja

*Il-pajjiżi tal-EFTA*

- L-Islanda
- In-Norveġja

*Il-pajjiżi terzi*

- L-Arġentina
- L-Awstralja
- Iċ-Ċili
- L-Indja
- In-New Zealand
- Il-Panama
- Il-Paragwaj
- Il-Perù
- Singapor
- L-Urugwaj

**B. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju kkontrollat ta' BSE***Stati Membri*

- L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja u r-Renju Unit.

*Il-pajjiżi tal-EFTA*

- Il-Liechtenstein
- L-Isvizzera

*Il-pajjiżi terzi*

- Il-Brażil
- Il-Kanada
- Il-Kolombja
- Il-Ġappun
- Il-Messiku
- Il-Korea t'Isfel
- It-Tajwan
- L-Istati Uniti

**C. Pajjiżi jew reġjuni b'riskju mhux determinat ta' BSE**

- Pajjiżi jew reġjuni li mhumiex elenkati fil-punti A jew B ta' dan l-Anness.